MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 1377/2005

**Maltacom p.l.c. C22334**

**Vs**

**Theodora Buckland ID 862337M**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ sitt mija u tmienja u tletin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm638.59c) rapprezentanti servizz tat-telefon bin-numru 21673036 gja 773036.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali datata 11 ta’ Frar, 2005 u mghaxijiet mid-data ta’ l-istess Ittra Ufficjali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta Theodora Buckland, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici.

Sema’ lil Dr Keith Grech jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mija u tmienja u tletin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm638.59c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------